# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Frar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 186/2022 TA**

**HSBC Bank Malta PLC**

**Vs**

**Keith Sacco**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' HSBC Bank Malta plc (il-Bank Attur) tal-4 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. ''Illi l-intimat hu debitur tas-soċjeta attriċi fl-ammont ta' euro39,989.50 in kwantu għal euro33,989.50 rappresenti l-kapital u euro5025.98 rappresentanti l-imgħax sal-5 ta' Frar 2022 dovut in konnessjoni Home Loan Facility.

2. Illi dan l-ammont huwa dovut skond kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar datat 11 ta' Lulju 2008.

3. Illi l-intimat ma baqax jagħmel dawk il-pagamenti dovuti skond il-ftehim bejn il-partijiet.

4. Illi għalkemm interpellat sabiex iħallas l-ammont dovut l-intimat ma ħallasx.

Għaldaqstant s-soċjeta attriċi titlob lil din l-Onorabbli Qorti;

**a.** Tiddikjara li l-intimati huma debituri fil-konfront tas-soċjeta attriċi fl-ammont ta' euro39,989.50 (disa u tletin elf, disa mija disgħa u tmenin euro u ħamsin ċenteżmi) in kwantu għal euro33,989.50 euro5,025.98 rappresentanti l-imgħax sal-5 ta' Frar 2022 dovut in konnessjoni Home Loan Facility.

**b.** Tikkundanna lil intimati sabiex iħallsu lis-soċjeta attriċi l-ammont ta' euro39,989.50 bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-5 ta' Frar 2022 sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal- ittra uffiċjali datat numru 245/2020 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwalment kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni. BI-imgħax ulterjuri skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv''.

Rat li Keith Sacco (il-konvenut) notifikat kif trid il-liġi baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata kif trid il-liġi u għalhekk waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-Bank Attur.

Rat li l-konvenut mgħoti l-opportunita' li jagħmel nota ta' sottomissjoni ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta baqa, ma għamel xejn.

Rat li l-Kawża tħalliet **għal-lum għas-Sentenza.**

**<u>Konsiderazjonijiet</u>**

Il-Bank Attur qiegħed jitlob mingħand il-konvenut l-ammont ta' €39,989.50. Dan id-debitu twieled minn kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Pierre Cassar tal-11 ta' Lulju 2008 li kien jirrigwarda Home loan Facility. Jirriżulta, li l-konvenut ma' baqax jagħmel pagamenti kif obbliga ruħu li jagħmel bil-kuntratt inkwistjoni lill-Bank Attur, għalhekk din is-somma ġiet dovuta. Minn din is-somma l-ammont ta' €5,025.98 huma imgħaxijiet li ddekorrew sal-5 ta' Frar 2022.

Fl-udjenza tal-14 ta'  Novembru 2022, xhedet Dr. Claudia Muscat li hija senior legal Council mal-Bank Attur li kkonfermat li ma kien hemm ebda depositu f'dawn l-aħħar xhur u għalhekk l-ammont li qed jintalab ma nbidilx. In sostenn ta' dan anke presentat xi dokumenti konsistenti fi statements tal-kont mertu ta' dawn il-proċeduri.

Kif ingħad l-konvenut baqa' kontumaċi u l-anqas ħass li kellu jagħmel imqar nota ta' sottomissjonijiet skont il-liġi. Għalhekk, wara dan kollu, jirrisulta li t-talbiet attriċi ġew pjenament ipprovati u jistħoqqilhom li jiġu milqugħa. Jirrisulta ukoll li l-imgħaxijiet mill-5 ta' Frar 2020 huma ukoll dovuti.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** kif mitluba.

Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Bank Attur l-ammont ta' €39,989.50 bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-5 ta' Frar 2022 sal-pagament effettiv.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri u kif ukoll tal-ittra uffiċjal numru 245/2020 u tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**